

Dettall minn mappa ta' Ħal Kirkop fl-1939 b'10 xeltrijiet immarkati (ritratt: Pierre Balzia)

# Mappa tad-distribuzzjoni tax-xeltrijiet ġewwa Ħal Kirkop

**Pierre Balzia**

*L-edukazzjoni u t-tixrid tal-għarfien huma żewġ għodod b'saħħithom li jwasslu sabiex il-patrimonju tagħna ma jaqax fl-indifferenza u jintilef. Għal diversi kien xokkanti kif xelter tal-Gwerra fi Triq San Benedittu ġie deskritt bħala skoperta waqt xogħlijiet fl-istess triq. Dan meta, dan u xelters simili għadom ħajjin fil-memorja tal-Koppin, u fuq kollox huma dokumentati tajjeb fl-arkivji tagħna. Fil-passat ġew anke ppublikati f'din l-istess publikazzjoni minn Joseph Carbone. Biss jidher li mhux biżżejjed. Nemmen li kien dan is-sentiment li xpruna lil Pierre Balzia li jżid mar-riċeka u jippubblika mill-ġdid bit-tama li nkomplu nilħqu aktar Koppin ilkoll fid-dmir li nħarsu l-patrimonju tagħna.*

Din is-sena nhar il-25 ta' Ġunju, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop ħabbar fuq il-paġna ta' Facebook li nstabet id-daħla ta'xelter fi Triq San Benedittu. Għal diversi nies, din kienet aħbar ġdida, għal oħrajn, ġeddet il-memorji ta' tfulithom; f'kemm lagħbu fix-xeltrijiet li kien hawn madwar ir-raħal qabel ma wħud minnhom ġew mirduma u magħluqa. Uħud ukoll qasmu informazzjoni minn dak li jiftakru mill-esperjenzi jew aħjar l-avventuri tagħhom f'dawn ix-xeltrijiet.




***Mappa ta' Ħal Kirkop fl-1939 b'10 xeltrijiet immarkati (ritratt: Pierre Balzia)***

Din is-sejba mill-ġdid ta' dan ix-xelter fakkrinti fi 3 affarijiet. L-ewwel: it-80 sena mill-bidu tat-tieni gwerra dinija f'Malta. It-tieni: artiklu ta' Joseph Carbone fil-ktieb tal-festa tas-sena 2011, fejn is-Sur Carbone kiteb dwar ix-xeltrijiet li hawn fir-raħal tagħna b'deskrizzjoni ddetaljata u pjanti ta' diversi xeltrijiet. Fl-aħħar u anke sabiex inkompli nikkumplimenta bla ma nirrepeti l-informazzjoni li ta s-Sur Carbone, ftakart f'mappa uffiċjali tal-1939 li kont rajt ġewwa r-*Records and Archives Section*, Ministeru Transport u Proġetti Kapitali. (ex-Chief Draughtsman's Office, il-Furjana) waqt riċerka oħra f'dan l-arkivju. Xtaqt għalhekk naqsam magħkom din il-mappa li turi d-distribuzzjoni tax-xeltrijiet ġewwa r-raħal tagħna.

**Informazzjoni fuq din il-mappa**

Din il-mappa turi r-raħal tagħna kif kien jidher fl-1939. Forsi wieħed jistaqsi kif din il-pjanta hi datata sena qabel il-bidu tat-tieni gwerra f'Malta. Ta' min jgħid illi l-klima ta' gwerra kienet ilha tinħass u għalhekk jidher li l-awtoritajiet diġà kienu bdew jieħdu miżuri ta' prekawzjoni għall-eventwalità ta' attakki fuq pajjiżna. Apparti minn hekk, kienu ġew imħejjija diversi pjani ta' xeltrijiet pubbliċi madwar Malta. Jidher li din il-mappa kienet parti minn din l-iskema ġenerali (masterplan) sabiex jitħaffru xeltrijiet għall-protezzjoni tal-poplu. Mhuwiex ċar, però, jekk dawn ix-xeltrijiet tħaffrux kollha jew tħaffru b'mod differenti. Għalkemm l-anzjani tagħna, jistgħu jagħtuna indikazzjoni dwar dawn ix-xeltrijiet, risposta konkreta u tanġibbli tista' tingħata biss jekk xi darba jerġa' jitneħħa l-asfalt u nfittxu dawn l-entraturi għal dawn ix-xeltrijiet.

Minn din il-mappa, wieħed għandu jinnota li r-raħal kien ferm iżgħar minn dak li hu llum, però fl-istess waqt ikbar minn kif kien fl-1907, skont mappa li tinstab fl-Arkivji Nazzjonali ta' Malta. Punt interessanti bejn iż-żewġ mapep hi ż-żieda taċ-ċimiterju f'tarf ir-raħal li beda jinbena madwar l-1920. Jekk inħarsu lejn l-inħawi fejn hemm il-knisja parrokkjali naraw kif prattikament kulma kien hemm kienet triq wiesgħa. Misraħ San Leonardu żviluppa wara l-gwerra b'hekk hu mlaqqam bħala 'il-Balla'. Apparti minn hekk jidher li Triq San Pietru ma kinetx għadha teżisti u dik li llum hi Triq in-Nejder kienet sqaq (triq li tagħlaq).




***Mappa ta' Ħal Kirkop fl-1907 li saret mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi (NAM_PDM50029)***

F'din il-mappa naraw immarkati b'lewn aħmar il-bokok u l-kurituri ta' għaxar xeltrijiet pubbliċi pjanati għar-raħal tagħna; dawn huma:

1. **Xelter fi Triq Santu Rokku** (illum parti minn Triq Valletta, b'waħda mill-bokok ftit 'il fuq minn Triq Sant'Anġlu u l-oħra kwazi faċċata tan-niċċa ta' San Ġużepp li nsibu fl-istess triq);
2. **Xelter fi Triq San Nikola;**
3. **Xelter fi Triq San Benedittu / Triq San Leonardu** (faċċata tas-substation tal-Enemalta);
4. **2 xeltrijiet li jinfdu fi Triq il-Kbira** (b'bokka taħt it-tieqa tas-sagristija u oħra għan-nofs tat-triq) **u fi Sqaq in-Nejder** (illum Triq in-Nejder);
5. **Xelter fi Triq Santu Rokku;**
6. **Xelter fi Triq San Leonardu** (ftit 'il fuq mir-remissa ta' Baġoġa direzzjoni lejn l-iskola);
7. **Xelter fi Triq San Leonardu** (fil-fetħa li tagħti lejn Triq il-Ħawħ);
8. **Xelter fi Triq San Benedittu** (dan ix-xelter kellu 3 bokok. Waħda tinsab taħt it-tieqa tal-ħanut ta' 'Nardu Green Grocer', oħra (bejn wieħed u ieħor) bejn iż-żewġ bibien tal-iskola primarja u oħra (li reġgħet 'instabet' mill-ġdid) li tinsab faċċata tal-grada tal-ħadid biswit l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali);
9. **Xelter fi Triq Santu Rokku** (jibda minn faċċata tal-kaxxa tal-ittri u jasal sa qrib il-M.U.S.E.U.M.);
10. **Xelter f'Misraħ Kirkop** (jibda minn fuq iz-zuntier tal-knisja tal-Lunzjata sa biswit is-salib tad-dejma).

Din il-mappa tpinġiet minn Lawrence Zarb u hi datata 12 ta' Lulju 1939.

Ma' din il-mappa, fl-Arkivji Nazzjonali ta' Malta, sibna wkoll pjanti tax-xeltrijiet



*Xelter nru 6 fi Triq San Leonardu (ritratt: Pierre Balzia)*



***Bokka ta' xelter nru 8 li tinsab taħt it-tieqa ta' Nardu Green Grocer fi Triq San Ġużepp (Kortesija ta' Clifford Bonnici)***



***Bokka oħra ta' xelter nru 8 li tinsab faċċata tal-grada tal-ħadid biswit il-Kunsill Lokali (kortesija tal-Kunsill Lokali)***

imsemmija hawn fuq li ħafna minnhom diġà kienu ġew ppubblikati fl-artiklu tas-Sur Carbone.

Għalkemm raħal żgħir jidher ċar li missirijietna bl-għajnuna mill-awtoritajiet ħadmu kemm felħu sabiex jipproteġu lill-Koppin sħabhom mill-qilla li ġabet magħha l-gwerra. Illum, f'Malta m'għadniex niġġieldu gwerer bil-bombi neżlin mill-ajru iżda qegħdin niġġieldu gwerra kontra l-gafef u inġenji tal-kostruzzjoni. Nittama li d-diskussjonijiet li l-Kunsill Lokali qiegħed jagħmel biex ix-xelter fi Triq San Benedittu jkun imħares u restawrat kif jixraq iħalli l-frott tant mixtieq. Inħares 'il quddiem b'fiduċja biex dak li fadal minn dawn ix-xeltrijiet li semmejt jerġgħu jingħataw it-tama li jerġgħu jintużaw, din id-darba mhux iktar biex jagħtu kenn mill-bombi tal-għadu iżda biex huma stess ikunu skola u jirrakkuntaw dak li missirijietna għaddew minnu. Żgur li kieku kellhom jitkellmu jirrakkuntaw eluf ta' stejjer u avventuri li naqqxu ħajjet il-Koppin.




***Pjanta ta' Xelter nru 1 fi Triq Santu Rokku (illum parti minn Triq Valletta) (NAM, CDE, Kirkop Shelters – 01)***

Ara din il-mappa (1907) b'mod diġitali fuq: https://www.flickr.com/photos/national_archives_malta/49731951096/sizes/k/

## Ringrazzjamenti u referenzi

Carbone Joseph, Ix-xelters tal-Gwerra f'Malta u Ħal Kirkop, Ktieb tal-Festa 2011 maħruġ mill-Għaqda Mużikali San Leonardu A.D.1858.

Ħajr lis-Sur Paul Buttigieg u s-Sur Joe Dalli (Records and Archives Section, Ministeru Transport u Proġetti Kapitali (ex-Chief Draughtsman's Office, il-Furjana)).

Ħajr lil Dr Charles Farrugia PhD, CEO u Arkivista Nazzjonali u s-Sur Melvin Caruana (L-Arkviji Nazzjonali ta' Malta).

Ħajr lis-Sindku ta' Ħal Kirkop, is-Sur Terrence Agius.

Ħajr lil George Agius u Godwin Vella tal-għajnuna tagħhom fil-kitba tal-artiklu.




*Pjanta ta' Xelter nru 2 fi Triq San Nikola (NAM, CDE, Kirkop Shelters – 02)*




*Pjanta ta' Xelter nru 3 fi Triq San Benedittu / San Leonardu (NAM, CDE, Kirkop Shelters – 17)*







***Pjanti ta' Xelters nri 4 fi Sqaq in-Nejder u 4A fi Triq il-Kbira li jinfdu ma' xulxin.***
***(NAM, CDE, Kirkop Shelters – 04 u NAM, CDE, Kirkop Shelters – 07)***




*Pjanta ta' Xelter nru 5 fi Triq Santu Rokku (NAM, CDE, Kirkop Shelters – 05)*




*Pjanta ta' Xelter nru 6 fi Triq San Leonardu. (Jidher li fl-isem tat-triq hemm żball) (NAM, CDE, Kirkop Shelters – 18)*




*Pjanta ta' Xelter nru 7 fi Triq San San Leonardu (NAM, CDE, Kirkop Shelters – 19)*




*Pjanta ta' Xelter nru 8 fi Triq San Benedittu (NAM, CDE, Kirkop Shelters – 15)*




***Pjanta ta' Xelter nru 9 fi Triq Santu Rokku (NAM, CDE, Kirkop Shelters – 09)***




***Pjanta ta' Xelter nru 10 f'Misraħ Kirkop (NAM, CDE, Kirkop Shelters – 10)***